# Il-Festi tal-Madonna matul is-Sena

Joseph Mercieca

*Introduzzjoni*

Id-devozzjoni lejn il-Madonna nistgħu ngħidu li bdiet mill-ewwel insara. L-aktar xhieda antika tal-qima liturġika lejn Marija, li tagħha għandna dokument miktub, hi l-Kanoni Ruman, it-Talba Ewkaristika li tingħad fil-qalba tal-Quddiesa. Dan jixhed li ġa fis-sena 440 il-Knisja kienet tqim lill Marija 'Omm Alla u Sidna, Ġesu' Kristu.'

Matul is-snin il-Madonna bdiet tiġi meqjuma taħt diversi titli, biżżejjed naraw ftit il-Litanija tal-Madonna biex naraw kemm l-insara taw titli lill-Madonna li żgur dawn jixirqulha. Titli oħra ingħatawlha għall-postijiet fejn hemm santwarji u knejjes, għall-postijiet fejn hija dehret, għad-diversi devozzjonijiet li bil-qalb diversi ordnijiet reliġjużi mexxew u għad-diversi dogmi li minn żmien għal żmien il-Papiet ħassew li għandhom jipproklamaw.

Bl-Eġizzjan il-kelma 'Marija' tfisser 'il-maħbuba ta' Alla', filwaqt li bl-Ebrajk tfisser 'is-Sinjura'.

F'dan l-artiklu ser naraw xi ftit mit-titli li taħtom hija meqjuma l-Madonna, kif oriġinaw u d-dati meta dawn jiġu ċċelebrati.

**Solennitá ta' Marija Omm Alla – 1 ta' Jannar**

Is-solennitá ta' l-Imqaddsa Marija Omm Alla, kienet l-ewwel festa Marjana li bdiet tiġi ċelebrata fil-knisja tal-punent. Bdiet tiġi ċelebrata f'Ruma fis-seklu IV, probabilment mad-dedikazzjoni ta' waħda mill-ewwel Knejjes tal-Madonna ġewwa Ruma dik ta' Santa Maria Antiqua al Foro Romano.



Din il-festa tfakkarna li Marija hija tassew Omm Alla għax hija l-omm ta' Ġesù (Ġw 2,1; 19,25). Fil-fatt dak li ġie mnissel bil-ħidma ta' l-Ispirtu s-Santu u li sar tassew Binha, huwa l-Iben etern ta' Alla l-Missier, Hu Alla stess.

**Il-Madonna ta' Lourdes – 11 ta' Frar**



Ta' kull sena ġewwa s-santwarju ta' Lourdes jmorru aktar minn ħames miljun pellegrin minn madwar id-dinja kollha biex jagħtu qima lill-Madonna. F'din il-grotta ta' Massabielle l-Madonna kienet dehret lil Maria Bernarda Soubirous (illum Santa Bernardetta) għal tmintax-il darba bejn il-11 ta' Frar u s-16 ta' Lulju 1858. Fil-11 ta' Frar 1858 waqt li din it-tfajla żgħira ta' erbatax-il sena, Bernardetta kienet qiegħda tiġbor xi injam biex issaħħan id-dar fejn kienet tgħix mal-familja tagħha, fuq siġra ġewwa l-għar rat bħal sħaba bajda u fuq din l-isħaba rat xbieha ta' tfajla ta' sittax-il sena. Din it-tfajla kienet libsa l-abjad b'faxxa kaħla, mant fuq rasha u kuruna f'idejha. Kif rat hekk Bernardetta bdiet tgħid ir-rużarju u l-Madonna bdiet tgħid magħha l-glorji. Kif spiċċat ir-rużarju l-Madonna telqet minn ħdejha. Il-Madonna baqgħet tidher għal tmintax-il darba, u n-nies bdew dejjem jiżdiedu. Il-Madonna qaltilha biex tħeġġeġ biex tinbena knisja f'dak il-post, biss il-kappillan ta' Lourdes Peyramale ma riedx jemmen li din kienet il-Madonna u għalhekk ma taħx widen għal Bernardetta.. Għalhekk qal lil Bernardetta biex issaqsieha x'jisimha. Fid-dehra tal-25 ta' Marzu, il-Madonna qalet 'Jiena l-Immakulata Kunċizzjoni xi ħaġa li Bernardetta ma fehmietx x'kienet qiegħda tgħid. Erba' snin qabel il-Papa Piu IX kien iddikjara bħala domma tal-fidi, li l-Madonna kienet l-Immakulata Kunċizzjoni. Meta sema' hekk, il-kappillan ma kellux aktar dubji, u minn dak il-waqt beda l-proċess biex dawn id-dehriet ikunu rikonoxxuti uffiċjalment. Fl-1862 l-isqof Laurence ta' Tarbes, wara li ħatar kummissjoni li għamlet l-investigazzjonijiet neċessarji iddikjara li l-

Madonna vera dehret għal tmintax-il darba ġewwa l-grotta, u iddikjara wkoll Lourdes bħala santwarju Marjan internazzjonali.

F'Malta għandna żewg parroċċi iddedikati lill-Madonna ta' Lourdes, waħda ġewwa San Ġwann u oħra ġewwa Raħal Ġdid. Din il-festa tiġi ċċelebrata wkoll ġewwa l-Qrendi. Aktar magħrufa hija l-grotta ġewwa l-Furjana li dak inhar tad-dehriet tkun imballata bin-nies li jmorru jgħidu l-kurunella ta' Lourdes hemmhekk.

**Il-Madonna tal-Karmnu – 16 ta' Lulju**



Il-devozzjoni Marjana taf il-bidu tagħha, ħafna qabel it-Twelid tal-Madonna. Dan għaliex fis-seklu disgħa qabel Kristu, il-profeta Elija, li kien jgħix fuq l-għolja tal-Karmelu, fi żmien ta' nixfa kbira ra sħaba daqs keffa ta' id ta' raġel tielgħa mill-baħar, li ġabet xita fuq l-art. F'din ix-xbieha tas-sħaba s-Santi Padri dejjem raw ix-xbieha tal-Madonna, li weldet il-Verb Divin li ta' l-ħajja lid-dinja.

Grupp ta' eremiti li bdew jgħixu fuq l-għolja tal-Karmelu bdew jissejħu 'l-aħwa tal-Imbierka Verġni Marija ta' l-għolja tal-Karmelu' u fuq din l-għolja waqqfu ukoll Kapella dedikata lil l-istess Madonna. Dawn l-irħieb ġew imkeċċija minn hawn u tferrxu ma' l-Ewropa. Waqt li l-Ordni kien għaddej minn żmien diffiċli ħafna, fis-16 ta' Lulju tas-sena 1251, it-tradiżżjoni tgħid li l-Madonna bil-Bambin f'idejha u mdawra mill-Anġli dehret lil San Xmun Stock, ġewwa Aylesford, li tkun miegħu u ma' l-Ordni fid-diffikultajiet li kien għaddej minnhom u li jgħaddi minnhom f'kull żmien.

F'Malta hawn diversi parroċċi, knejjes, artali u santwarju dedikati lill-Madonna tal-Karmnu. Il-festa Liturġika tal-Madonna tal-Karmnu tiġi ċelebrata fis-16 ta' Lulju, il-jum li fih il-Madonna tat il-Labtu lil San Xmun Stock.

**Il-Festa tat-Tlugħ fis-Sema tal-Madonna**
**Santa Marija - 15 ta' Awissu**



Bi grazzja speċjali, Alla ried li dak li għad jiġri fl-aħħar jum lil dawk li jmutu fi Kristu, iseħħ sa mill-bidu tal-mewt tagħha f'dik li emmnet li jseħħ kull ma bagħat jgħidilha l-Mulej. Huwa twemmin sod tal-Knisja, imwettaq bħala domma tal-fidi mill-Papa Piju XII fl-1 ta' Novembru 1950, li l-Omm ta' Alla Marija, Immakulata u dejjem Verġni, kellha mill-bidu tgawdi l-frott tal-fidwa ta' Kristu, billi wara mewtha ma tarax it-taħsir ta' ġisimha, iżda tkun meħuda bir-ruħ u l-ġisem fil-glorja tal-ġenna. Kien jixraq fuq li jixraq li r-rabta ta' Marija ma' Kristu bħala l-Eva l-ġdida ma' Adam il-ġdid, titwettaq bir-rebħa sħiħa tagħha fuq il-qerda tal-mewt. Kien jixraq li bħala n-nisranija ewlenija u bħala l-mudell tal-Knsija kollha, hija tibda tgawdi sa mill-bidu il-frott kollu tal-fidwa ta' Kristu.

F'dawn il-gżejjer għandna tmien parroċċi f'Malta u u oħra f'Ghawdex li jiċċelebraw din il-festa.

**It-Twelid tal-Madonna – Il-Vitorja – 8 ta' Settembru**

Il-Festi tal-qaddisin il-knisja tfakkarhom f'dak il-jum li huma jmutu jew 'it-twelid tagħhom' fis-sema. Biss għall-Madonna (u għal Sidna Ġesù Kristu u San Ġwann il-Battista) il-knisja tfakkar ukoll il-jum tat-Twelid tagħha. It-twelid tal-Verġni Marija huwa importanti ħafna għalina l-insara.

Din il-festa kienet tkun ċelebrata bil-kbir minn ħafna santi padri. F'waħda mill-priedki tiegħu fuq it-twelid tal-Madonna S. Pier Damiani qal, 'Alla huwa omnipotenti, qabel ma l-bniedem dineb, Huwa ippreveda li dan ser jiġri u għalhekk ħaseb fil-pjan ta' salvazzjoni.



Iddeċida li jitwieled minn Marija. Illum hija l-ġurnata li fiha Alla beda jagħmel fil-prattika il-pjan etern, għax kien meħtieġ li Huwa jkollu dar fejn jgħammar, qabel ma Re jinżel biex jgħix. Dar sabiħa, għax jekk l-Għerf jinbena fuq dar b'seba' kolonni, dan il-palazz ta' Marija inbena fuq is-seba' doni ta' l-Ispirtu s-Santu. Salamun iċċelebra b'mod solenni il-ftuħ tat-Tempju tal-ġebel. Kif nistgħu ma nċċelebrawx it-Twelid tal-Madonna li huwa t-Tempju tal-Verb inkarnat? 'Għax il-glorja tal-Mulej kienet mliet it-tempju tal-Mulej! Qiegħed il-Mulej ix-xemx fis-smewwiet; imma hu ried jgħammar fid-dlam' (1 Slat 8, 10-12), qal Salamun. Issa dan it-tempju reġa intela b'Alla u ra dawl ġdid.'

Għalina l-Maltin din il-festa hija importanti ħafna għax fiha niċċelebraw ukoll żewġ rebħiet importanti dik ta' l-Assedju l-Kbir tal-1565 u it-tieni gwerra dinija. F'Malta għandna tlett parroċċi li jiċċelebraw din il-festa li huma l-Isla, in-Naxxar u l-Mellieħa. F'Għawdex il-parroċċa tax-Xagħra wkoll tiċċelebra din il-festa.

**Il-Kunċizzjoni – 8 ta' Diċembru**

Id-domma ta' l-Immakulata Kunċizzjoni kienet proklamata fl-1854 mill-Papa Piu IX. Id-devozzjoni lejn it-tnissil bla tebgħa ta' Marija tmur lura diversi sekli u din id-domma kienet biss konferma ta' dak li l-insara kienu jemmnu matul is-snin.

Fis-sena 1476 il-festa tat-tnissil tal-Madonna kienet introdotta fil-Kalendarju Ruman.

Fl-1830 il-Madonna dehret lil Santa Katerina Laboure. Din il-qaddisa bdiet ixxerred id-devozzjoni lejn il-Madonna tal-'Midalja Mirakoluża' bix-xbiha tal-Immakulata Kunċizzjoni. Din id-devozzjoni qajmet ħafna fervur lejn il-Madonna għalhekk ħafna isqfijiet bdew jitolbu lil Ruma

biex tiddefinixi dan it-twemmin. Għalhekk fit-8 ta' Diċembru tal-1854 il-Papa Piu IX ipproklama li 'l-Mara liebsa Xemx' kienet mingħajr id-dnub tan-nisel, jiġifieri Immakulata. Kienet deċiżjoni ta' kuraġġ kbir, domma li ferħet lill-Insara kollha u fl-istess waqt qanqlet rabja kbira għall-għedewwa ta' l-insara għax dawn kienu jiċħdu dan it-twemmin.



Erbgħa snin wara kienet il-Madonna stess li f'waħda mid-dehriet qalet lill-Bernardina 'Jiena Jien l-Immakulata'.

Id-devozzjoni lejn l-Immakulata Kunċizzjoni ġiet imferrxa madwar id-dinja, anki f'Malta u dan hu konfermat mill-ammont kbir ta' ismijiet bħal Konċetta, li bdew jingħataw lit-trabi bniet.

L-Immakulata Kunċizzjoni għalina tfisser li Alla għażel lil Marija sa mill-eternita biex tkun l-Omm ta' Ibnu: biex twettaq missjoni bħal din, hi ġiet imnissla mingħajr ebda ħtija. Dan ifissèr li, permezz tal-grazzja ta' Alla u f'ġieħ il-merti magħrufin minn qabel ta' Ġesù Kristu, Marija ġiet meħlusa mid-dnub oriġinali sa mit-tnissil tagħha.

F'Malta għandna żewg parroċċi li jiċċelebraw din il-festa fit-8 ta' Diċembru li huma Bormla u l-Ibraġġ. Fil-Kuncizzjoni (l/o Rabat) ukoll tkun iċċelebrata din il-festa fil-jum liturġiku tagħha. Il-Festa tiġi ċċelebrata wkoll ġewwa l-Ħamrun fl-ewwel Ħadd ta' Lulju.

**Konklużjoni.**

Ma' dawn irridu nżidu diversi ċelebrazzjonijiet oħra ta' devozzjonijiet Marjani ħafna qawwija fil-gżejjer tagħna. Biżżejjed insemmu ċ-ċelebrazzjoni tal-Festa tad-Duluri li issir il-Ġimgħa qabel }add il-Palm u l-Festa tal-Madonna ta' Pompej li l-festa tagħha taħbat fit-8 ta' Mejju, li jkunu ċċelebrati fil-parroċċi kollha ta' Malta u Għawdex. Nitkellmu fuqhom is-sena dieħla.